TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 179/13 (JE).

Lara Marie Cauchi u Josephine Cauchi

vs

Svetlana Muscat.

Illum, 20 ta' Jannar 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Marie Cauchi illi fih stqarret illi xtrat libsa mingħand il-konvenuta u wara illi użatha darba, ħaslietha bl-idejn kif indikat fit-tabella illi kien hemm magħha bir-riżultat illi l-kulur skur ċarċar fuq il-kulur ċar. L-attriċi talbet libsa oħra ta' l-istess valur u qies imma differenti jew inkella riedu rifużjoni tal-prezz imħallas.

Ra r-risposta tal-konvenuta illi permezz tagħha sostniet illi s-sinjorina Cauchi ġiet tixtri libsa fi Frar 2013, liema libsa nbiegħet f'kundizzjoni perfetta. F'April/Mejju, il-konvenuta marret lura l-ħanut u qalet illi l-libsa kienet reħiet xi ftit. Il-konvenuta offrietilha libsa size akbar minkejja illi ma kienetx preżenti meta allegatament il-libsa ġiet maħsula bl-idejn. Madankollu, il-konvenuta nsistiet illi l-libsa tinbidel kompletament, ħaġa illi d-ditta in kwistjoni ma tippermettiex. Il-konvenuta qalet illi biegħet ħafna lbiesi bħal din u qatt ma kellha lmenti.

Ra l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

It-Tribunal huwa rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet kontrastanti imma huwa propens, anke wara li ra l-libsa in kwistjoni, illi jaċċetta l-verżjoni tal-konvenuta. Jidher illi l-konvenuta offriet rimedju lill-attriċi billi offriet illi l-libsa in kwistjoni tiġi sostitwita b'libsa ġdida u anke illi taltera l-qies ta' din il-libsa ġdida peress illi kienet size akbar. Madankollu, il-konvenuta rrifjutat u baqgħet tinsisti fuq libsa differenti minn dik mixtrija. It-Tribunal jidhirlu illi l-konsumatur m'għandhux dritt illi jinsisti fuq prodott differenti minn dak mixtri meta l-kummerċjant joffri illi jbiddillu l-prodott mibjugħ u illi l-konsumatur irid ukoll juri disponibilità illi jkollu rimedju effettiv. Fi kwalunkwe każ, jidher illi d-deterjorament illi soffriet il-libsa in kwistjoni huwa pjuttost limitat u m'hux tali illi jirrendiha inutilizzabli.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż.

Av. Joseph Ellis

Arbitru.